MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Rikors Numru. 1269/2008

**Andrew WJ Mamo (I.D. 482666M) f'ismu proprju**

***kontra***

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-22 ta' Dicembru 2008 li jaqra hekk -

*Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Jannar 2008 (skond id-dokument mehmuz AM01) mahruga kontra Andrew WJ Mamo 'f'ismek proprju u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Equipment Hire Limited (C18588M)' saret interpellazzjoni*

*ai termini tal-Artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1999 sabiex fi zmien jumejn (2) min-notifika ta' tali ittra jhallas l-ammont ta' mija u hamest elef, seba' mija u hamsa u erbghin Ewro u hmistax-il centezmu (€105,745.15) rapprezentanti ammont allegatament dovut bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud ;*

*Illi fl-imsemmija ittra l-esponenti gie mwissi li l-ittra msemmija saret sabiex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Kummissarju ;*

*Illi l-pretensjoni ta' l-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-hlas imsemmi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet :*

*1. Illi l-att gudizzjarju hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett ghaliex, kif ser jigi spjegat, b'effett mid-data msemmija l-esponenti ma kienx direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' msemmija ;*

*2. Illi minghajr hsara ghas-suespost l-ittra msemmija ma kellhiex tinhareg kontra l-esponent ghaliex l-esponent ma kienx vestit bir-rapprezentanza tas-socjeta' msemmija ghal fini fiskali fid-data tal-emissjoni tal-ittra ufficjali. L-ittra ufficjali hija frott ta' dizgwid illi nhalaq. Jirrizulta minn atti ufficjali (annessi markat AM02) illi l-esponenti rrizenja mill-kariga ta' direttur b'effett mit-22 ta' Jannar 2002 izda minhabba nuqqasijiet ta' terzi tali Form K giet registrata biss fit-22 ta' Jannar 2008. Minkejja dan jirrizulta car u manifest illi fid-data relevanti l-esponenti ma kellux l-obbligu tar-rappresentanza tas-socjeta' ghal fini tal-ligijiet fiskali, senjatament l-Artikoli 66 u 82 tal-Att dwar il-VAT ;*

*3. Illi minghajr hsara ghas-suespost l-ammont pretiz mhux dovut ;*

*4. Illi minghajr hsara ghas-suespost il-procedura kontemplata fil-ligi tal-VAT (senjatament l-Artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jigi ezegwit titolu ezekuttiv hija leziva tad-dritt tal-esponenti ghal smigh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghal dawk illi ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hekk kif dedotta fl-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija ;*

*2. Tiddikjara l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hekk kif dedotta fl-ittra ufficjali msemmija flimkien mat-talba ghall-ispejjez ghall–prezentata ta' dak l-att, bhala nfondata u r-rikorrenti dikjarat mhux debitur ta' l-intimat fis-somma pretiza ;*

*3. Thassar u tirrevoka l-effetti kollha ta' l-ittra ufficjali premessa u ta' l-avviz ta' talba ta' hlas mertu ta' din il-kawza ;*

*4. Taghti l-provedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni, okkorrendo anke tordna referenza Kostituzzjonali.*

*Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.*

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta tal-intimat prezentata fit-12 ta' Jannar 2009 li taqra hekk -

*Illi kuntrarjament ghal dak espost mir-rikorrent, jirrizulta illi fid-data li nharget l-ittra ufficjali in kwistjoni r-rikorrent kien effettivament direttur tas-socjeta' Equipment Hire Limited kif indikat fl-istess ittra ufficjali. Ir-rikorrent inhatar direttur tas-socjeta' msemmija fit-tletin (30) ta' Gunju 1996 (kif jirrizulta mid-dokument hawn anness bhala Dok. A) u minn dakinhar sad-data tal-hrug ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni, fl-14 ta' Jannar 2008, ma jirrizulta l-ebda tibdil fid-diretturi ta' l-istess socjeta' (vide Dok. B) ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova li turi illi hu kien effettivament irrizenja mill-kariga ta' direttur b'effett mit-22 ta' Jannar 2002 jew li ma kienx vestit bir-rapprezentanza tas-socjeta' msemmija, kif minnu allegat. Illi bir-rispett kollu, huwa wisq facli u ferm konvenjenti ghar-rikorrent, rinfaccat bl-att gudizzjarju in kwistjoni, illi jsostni li hu kien irrizenja mill-kariga ta' direttur qabel ma nharget l-ittra ufficjali msemmija u dan anke minghajr ma jressaq provi f'dan is-sens ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent qed jallega illi hu rrizenja mill-kariga ta' direttur b'effett mit-22 ta' Jannar 2002, liema rizenja giet innotifikata lir-Registratur tal-kumpaniji bis-sahha tal-formula maghrufa bhala 'Form K' (annessa mar-rikors bhala Dok. AM02) datata 22 ta' Jannar 2008, u cioe' datata wara l-hrug ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni. Illi l-esponenti jaghmel referenza ghall-Artikolu 146 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi inter alia illi kwalunkwe tibdil fost id-diretturi ta' kumpanija ghandu jigi notifikat lir-Registratur tal-kumpaniji fi zmien erbatax-il jum minn tali bidla, u mhux wara sitt snin kif sehh fil-kaz odjern. Illi ghalhekk, fl-umli opinjoni*

*ta' l-esponenti, ir-rizenja tar-rikorrent m'ghandhiex titqies li saret b'effett mit-22 ta' Jannar 2002 ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova li turi illi l-ammont pretiz mhux dovut, kif minnu allegat ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-umli opinjoni ta' l-esponenti, ir-raba' talba tar-rikorrent sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna referenza Kostituzzjonali hija frivola u vessatorja u kwindi tali talba ghandha tigi michuda ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghal dak espost mir-rikorrent, il-procedura kkontemplata fl-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta mhix leziva tad-dritt ghal smigh xieraq in kwantu l-istess Artikolu jaghti l-opportunita' lil min jircievi l-Avviz imsemmi fl-istess Artikolu illi jopponi ghall-ammonti dovuti ai termini ta' l-istess Avviz qabel tali Avviz jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti esebiti mill-intimat.

Qieset il-provi tal-partijiet.

Rat in-nota ta` riferenzi tar-rikorrent.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta` Gunju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Qabel ma taghmel il-konsiderazzjonijiet ta` dritt li huma rilevanti ghall-fini ta` din il-kawza, din il-Qorti sejra tohrog l-ewwel il-kwadru ta` fatti li jirrizulta mill-assjem tal-provi akkwiziti.

L-intimat qieghed jippretendi hlas ta` taxxa fuq il-valur mizjud ("VAT") fl-ammont ta` €105,745.15 fir-rigward tal-kumpannija Equipment Hire Limited (C18588M), pero` qieghed jesigi wkoll il-hlas ta` dak l-ammont minghand ir-rikorrent *de proprio* ghax, skond l-intimat, fl-14 ta` Jannar 2008, u cioe` id-data ta` ittra ufficjali li l-intimat pprezenta kontra r-rikorrent (Dok AM01 – fol 3) ghall-fini ta` l-Art.59 tal-Kap.406, huwa kien direttur ta` dik il-kumpannija.

Minn Dok A (fol 8) jirrizulta li fil-5 ta' Lulju 1996 dahlet ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji l-Form K fejn ir-Registratur kien ikun notifikat bi bdil fid-diretturi tal-kumpannija Equipment Hire Ltd fiz-zmien meta kienet ghadha fis-sehh il-*Commercial Partnerships Ordinance.* Minn din il-Form K li kienet datata 30 ta` Gunju 1996, irrizulta li r-rikorrent u Christopher Caruana maghruf ukoll bhala Caruana Turner kienu mahtura diretturi tal-kumpannija b`effett mit-30 ta` Gunju 1996.

Minn Dok AM02 (fol 4) jirrizulta li fl-4 ta` Frar 2008 dahlet ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji l-Form K fejn ir-Registratur ikun notifikat bi bdil fid-diretturi jew fis-segretarju jew fir-rappresentanza ta` kumpannija skond l-

Art.146(1) tal-Kap.386. Minn din il-Form K li kienet iffirmata minn direttur (Ramon Spiteri), kienet datata 22 ta` Jannar 2008, u kienet prezentata mill-Av. Carlo Bisazza, irrizulta li r-rikorrent u direttur iehor Christopher Caruana kienu rrizenjaw minn diretturi tal-kumpannija Equipment Hire Ltd b`effett mit-22 ta` Dicembru 2002.

Ir-rikorrent ighid li wara t-22 ta` Dicembru 2002 *I have not signed any document binding the company or, in any way, represented the company or carried out any functions which are, by law, required to be exercised by the directors of the company* (ara l-ittra tar-rikorrent datata 28 ta` Jannar 2008 – tergo ta` fol 4).

Fl-affidavit tieghu (fol 18 u 19) datat 26 ta` Jannar 2009, Ramon Spiteri, direttur tal-kumpannija de qua, jixhed hekk –

... *a few years ago the said Christopher Caruana and Andrew Mamo had signed a share transfer agreement whereby they transferred all their shares in my name. A Form K was also drawn up and signed in connection with their resignation from the posts as Directors. However, due to an oversight from my part, the said documentation was never taken to the MFSA to be registered. Consequently, Caruana and Mamo still feature as Directors...*

*... From the time the documentation was signed, the said Chris Caruana and Andrew Mamo were never involved in the Company and I was solely administering it. To this effect, from a factual point of view, they have absolutely no obligation to pay ...*

*... I have also filed the relative Form K of Chris Caruana and Andrew Mamo which were meant to be filed years ago at the MFSA Registry in order to rectify the situation from this point of view.*

Ghalkemm tissemma t-22 ta' Dicembru 2002 bhala d-data meta r-rikorrent u Caruana Turner iffirmaw it-trasferiment tal-ishma taghhom fil-kumpannija a favur ta` Ramon Spiteri kif ukoll id-data meta ffirmaw il-Form K sabiex ma jibqghux diretturi taghha, Ramon Spiteri, fil-kontroezami, jixhed li s-*share transfer agreement* sar fl-2004. Ir-rikorrent u Caruana Turner ma thallsu l-ebda flus ghal dawk l-ishma ghaliex il-ftehim kien intiz li hu wahdu jerfa` d-dejn tal-kumpannija. Il-karti ma ghaddewx ghand l-awtoritajiet ghax kien marad. Spiteri jikkonferma li l-firma fuq Dok VAT1 a fol 92 hija tieghu. Dwar id-data ma setax ighid. Cert li sal-2004, Caruana u Mamo kienu *non-executive directors* u azzjonisti. It-tmexxija tal-kumpannija kienet f`idejh. Kull dokument li kien jircievi mill-*VAT Department* kien izommu mhux jiccirkolah lid-diretturi l-ohra. Is-*share transfer agreement* baqa` dokument intern fil-kumpannija ghaliex qatt ma gie registrat mar-Registratur tal-Kumpanniji. Ir-registrazzjoni baqghet ma saritx ghaliex kien inqala` ntopp li x-xhud baqa` ma spjegax x`kien.

Ghalkemm fl-affidavit taghhom datat 2 ta` Marzu 2009 kemm ir-rikorrent (fol 20 u 21) kif ukoll Christopher Caruana Turner (fol 38 u 39), huma fis-sostanza jikkonfermaw dak mistqarr minn Ramon Spiteri, ma jaqblux certament mieghu fejn si tratta tad-data tal-inkontru li kien sar ghand Av. Carlo Bisazza fejn saret il-firma tad-dokumenti. Skond dawn it-tnejn, it-trasferiment tal-ishma fil-kumpannija, ir-rizenja taghhom u l-mili tal-Form K saru fit-22 ta` Dicembru 2002. Wara dik id-data, it-tmexxija u l-kontroll tal-kumpannija kienu esklussivament ta` Ramon Spiteri.

Kienet prodotta mhux biss l-ittra ufficjali li skattat dan il-procediment u li kienet datata 14 ta` Jannar 2008 izda l-intimat ipproduca kopja legali ta` ittra ufficjali ohra, precedenti ghal dik in kwistjoni, datata 27 ta` Ottubru 2003 u notifikata lir-rikorrent fil-31 ta` Ottubru 2003 (fol 25 u 26) fejn ir-rikorrent, u z-zewg diretturi l-ohra, kienu interpellati

sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu VAT fl-ammont ta` Lm18,989.94 fir-rigward tal-kumpannija in kwistjoni.

Meta xehed *viva voce*, ir-rikorrent stqarr li, sa mill-bidu nett taghha, id-direzzjoni u l-gestjoni shiha tal-kumpannija kienet f`idejn Ramon Spiteri, inkluz fejn jidhlu materji fiskali, waqt li hu u Chris Caruana Turner ghenuh jaqbad fin-negozju b`*injection* ta` kapital. Spiteri huwa *chartered accountant*, ir-rikorrent kellu interessi fl-assikurazzjoni waqt li Caruana kien importatur. In kontroezami, ix-xhud ikkonferma li fit-22 ta` Dicembru 2002, mhux biss kien iffirmat il-Form K izda anke is-*share transfer agreement.* Dwar l-ittra ufficjali tas-27 ta` Ottubru 2003, ix-xhud wiegeb hekk –

... *Kellimt lil Ramon Spiteri bla dubju ta` xejn, kull darba li qatt ircevejt karta minghand dawn MFSA, minghand il-VAT whatever dejjem kellimt lil Ramon Spiteri, ghidtlu Ramon l-involviment tieghi kien spicca f`din il-kumpannija u ghalfejn qed nircievi dawn il-karti. Qalli halli f`idejja, jiddispjacini ha niehu hsiebha jiena ...*

Ix-xhud sostna li huwa kien afda kollox f`idejn Ramon Spiteri.

Christopher Caruana Turner, li bhala ex-direttur tal-kumpannija de qua jinsab fl-istess "ilma" tar-rikorrent, xehed li hu kien azzjonista mill-bidu nett taghha. Ghalih il-kumpannija kienet investiment. In segwitu sar ukoll direttur pero` f`dan ir-rwol qatt ma ha sehem attiv fit-tmexxija tal-kumpannija lanqas f`materji fiskali. Kien jattendi biss il-bord tad-diretturi. Ir-responsabilita` shiha kienet ta` Ramon Spiteri li kien id-Direttur Manigerjali. Ghall-habta tal-2001-2002, hu u r-rikorrent riedu johorgu mill-
kumpannija u ftehmu li jghaddu l-ishma lil Ramon Spiteri. Il-karti kollha kienu ffirmati fl-ufficcju tal-Av. Carlo Bisazza, li kien l-avukat ta` Ramon Spiteri. Inkluz li s-*shares* tieghu jghaddihom lil Spiteri u r-rizenja minn direttur. Karti ghandu ma zammx. In segwitu rcieva ittra ufficjali. Ma

kellu qatt esperjenza la fin-negozju tal-kumpannija u lanqas fit-tmexxija taghha. Ramon Spiteri kellu ishma ta` 50% fil-kumpannija u fl-ewwel laqgha tal-bord tad-diretturi nhatar Direttur Manigerjali. Il-laqghat tal-bord kienu jitmexxew b`mod informali hafna minghajr agenda prestabbilita u ma kienux isiru ta` spiss forsi sa tliet darbiet fis-sena l-aktar. Wara l-2002 ma kellu l-ebda involviment iehor fil-kumpannija. Ma jeskludix li apparti l-ittra ufficjali tal-2008 ircieva wkoll ohra precedenti fl-2003. Kull ma kien jircievi kien jirreferi lil Ramon Spiteri li kien jistqarr mieghu li kollox kien in order.

Fl-affidavit tieghu, l-Av. Carlo Bisazza xehed li hu kien l-avukat kemm ta` Ramon Spiteri personalment kif ukoll tal-kumpannija Equipment Hire Ltd. Isemmi li l-inkontru mar-rikorrent u ma` Christopher Caruana Turner sabiex dawn johorgu mill-kumpannija sar fl-ufficcju tieghu l-Floriana xi hamsa jew sitt snin qabel. Thejjiet il-Form K u sar is-*share transfer agreement*. Fisser lil kulhadd li Caruana u Mamo ma kien se jkollhom xejn aktar x'jaqsmu mal-kumpannija u li kien se jkun responsabbli biss Ramon Spiteri. Ghalkemm l-ishma kienu se jigu trasferiti bla ma Caruana u Mamo jircievu flus, xorta wahda kellu jsir il-hlas tat-taxxa tal-boll. Ghalhekk ta l-karti lil Ramon Spiteri biex jiehu hsieb dawn il-formalitajiet. Il-Form K setghet tmur mill-ewwel l-MFSA. Wara l-2008 kien kuntattjat minn Caruana u Mamo wara rcevew l-ittra ufficjali minghand id-Dipartiment tal-VAT. Ghamel Form K bid-data ta` qabel u rregistra kollox mal-MFSA. Min-naha taghha, l-MFSA talbet spjegazzjoni ghal dak id-dewmien. Minn Dok AM02 (fol 4) jirrizulta li fl-4 ta` Frar 2008 dahlet ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji l-Form K fejn ir-Registratur kien notifikat bil-bdil fid-diretturi tal-kumpannija. Skond din il-Form K li kienet iffirmata minn direttur (Ramon Spiteri), kienet datata 22 ta` Jannar 2008, u kienet prezentata mill-Av. Carlo Bisazza, irrizulta li r-rikorrent u direttur iehor Christopher Caruana kienu rrizenjaw minn diretturi tal-kumpannija Equipment Hire Ltd b`effett mit-22 ta` Dicembru 2002.

Fil-kontroezami, Dr. Bisazza xehed li l-laqghat ghandu saru ghal habta ta` Marzu 2003. Caruana u Mamo irrizenjaw minn diretturi dak il-hin stess u kien iffirmat il-Form K. Ma hejja l-ebda *notice* interna skond il-*memorandum* u *articles of association* tal-kumpannija. Kieku nghata struzzjonijiet sabiex jiehu hsieb kollox hu, ix-xhud stqarr li ma kienx se jkun hemm problema pero` mhux hekk sar ghaliex fil-fatt kellu jiehu hsieb kollox Ramon Spiteri. Dwar il-Form K li hija relatata ma` Awissu 2004, Dr. Bisazza kkonferma li t-*template* kienet tieghu pero` d-data ma ghamilhiex ix-xhud tant li mhix kaligrafija tieghu. Hija pero` ffirmata minn Ramon Spiteri. Id-data tal-2004 saret mix-xhud.

Alex Buttigieg ufficjal tad-Dipartiment tal-VAT esebixxa minn Dok AB1 sa AB8. Fl-ittra Dok AB5 (fol 73) datata 5 ta` Novembru 2008 tissemma` d-data tad-9 ta` Awissu 2004 meta sar l-akkwist tas-shares minn Ramon Spiteri. Kien esebit Dok VAT1 fejn tirrizulta Form K bir-rizenja tar-rikorrent u ta` Christopher Caruana mill-kumpannija effettiva mid-9 ta` Awissu 2004 (fol 92)

Ghalkemm waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-intimat, kif kien specifikament rikjest mir-rikorrent, ressaq id-dokumenti li jsostnu l-quantum tat-talba, ma jirrizultax li l-quantum *ut sic* u bhala tali pretiz mill-intimat qieghed jigi kkontestat mir-rikorrenti. Skond l-affidavit ta` Mary Ann Schembri mid-Dipartiment tal-VAT (fol 98 sa 100) il-kumpannija in kwistjoni sal-11 ta` Jannar 2010 kellha taghti lid-Dipartiment tal-VAT €123,950.44. Minnhom €40,316 kienet taxxa dikjarata pero` mhux imhallsa, €1670 bhala *audit assessment* bejn Gunju u Awissu 2004, waqt li l-bilanc kienu multi u interessi. Id-Dok F mal-affidavit taghha u cioe` il-Form K datata 9 ta` Awissu 2004 dahal fil-file tad-Dipartiment bejn Settembru u Dicembru 2008 u allura wara l-ittra ufficjali ta` Jannar 2008. Hemm minuta li tghid mhux meta dahal id-dokument izda li l-accountant gab id-dokument.

**Ikkunsidrat :**

Fil-kaz tal-lum, l-intimat ighid li huwa ottjena titolu ezekuttiv enforzabbli kontra r-rikorrent abbazi tal-**Art.59 tal-Kap.406**.

L-Art.59 tal-Kap.406 jaqra hekk -

*(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xiehda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru ta' l-artijiet, skond il-kaz, nota ta' privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta' privilegg tista` tigi registrata minn kull avukat jew nutar.*

*(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 468 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw dwar kull mandat mahrug bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu u ghall-izbank ta' kull flus li jingabru mill-bejgh fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda opposizzjoni jew rizerva fic-cedola ta' depozitu ma ghandha twaqqaf il-hlas ta' xi somma li tkun depozitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.*

Din il-Qorti gharblet b`reqqa **kull** prova nkluz d-dokumenti li kienu esebiti mill-intimat, bhala prova da parti tieghu li mexa ma` l-ewwel (1) subiniciz u l-ewwel parti tat-tieni (2) subinciz tal-Art.59. In partikolari qeghda tirreferi ghal Dok AB1 et seq (minn fol 69 et seq).

Mid-dokumenti esebiti, qieghed jirrizulta li kull avviz ghall-hlas ta` ammonti pretizi bhala dovuti mill-intimat ntbaghat mhux lir-rikorrent bhala *rapprezentant ex lege* izda lill-kumpannija Equipment Hire Limited li kienet il-persuna registrata mal-intimat ghall-fini tal-Kap.406.

Dak li r-rikorrent qieghed jikkontesta bil-procedura tal-lum huwa li l-intimat ma jistax jippretendi li ghandu titolu ezekuttiv kontrih skond it-tieni parti tas-subinciz (2) tal-Art.59 ghaliex ma jirrizultax li r-rikorrent *ut sic* qatt kien notifikat bil-mezz ta` nota ta` avviz ta` hlas ta` taxxa u penali amministrattiva kif previst bl-ewwel parti tas-subinciz (1) tal-Art.59. **Fil-kaz tal-lum, din il-mankanza da parti tal-intimat tassumi aktar rilevanza minhabba l-fatt li l-pern ta` kull kontestazzjoni da parti tar-rikorrent kienet li sa mit-22 ta` Dicembru 2002 `il quddiem huwa ma kellu l-ebda involvement fil-kumpannija de qua la bhala azzjonista u lanqas bhala direttur.**

**Mela ghall-fini ta` aktar kjarezza**, din il-Qorti tghid li sabiex l-intimat seta` jipprocedi bil-presentata (u eventwali notifika) tal-att gudizzjarju kontra r-rikorrent *de proprio* skond l-Art.59(2) huwa kien fl-obbligu li jassikura li jaghmel notifika tan-nota ta` hlas lir-rikorrent *de proprio* skond l-ewwel parti tal-Art.59(2). **Fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax li sar hekk**.

**Ghalhekk l-ittra ufficjali tal-14 ta` Jannar 2008 kienet intempestiva u kif dedotta kienet improponibbli**

**kontra r-rikorrent fil-kuntest tal-Art.59(2) tal-Kap.406, liema disposizzjoni hija wahda, mhix disgunta izda hija komprensiva.**

Waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors, ir-rikorrent ghamel riferenza ghall-**Art.66 tal-Kap.406** li jaqra hekk :

*(1) Kull segretarju, manager, direttur, stralcjarju jew ufficjal principali iehor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u ezekutur testamentarju u kull kuratur ta' l-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna ohra jew ta' xi trust, fund, jew enti iehor ghandu jkun rapprezentant, ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna ohra, trust, fund jew enti iehor skond il-kaz.*

*…*

*(3) (a) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) rapprezentant ta' persuna ikun responsabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu bhal dik il-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghall-obbligazzjonijiet kollha imposti b'dan l-Att jew bis-sahha tieghu.*

*(b) Kull haga li ssir jew tonqos milli ssir minn rapprezentant li jagixxi f 'dik il-kariga ghandha titqies ghall-ghanijiet ta' dan l-Att li tkun saret jew naqset milli ssir mill-persuna li huwa jkun qieghed jirrapprezenta.*

*(c) Avviz li jigi notifikat lil rapprezentant jew hlas lura li jsir lil rapprezentant fil-kariga tieghu ta' rapprezentant taht kull disposizzjoni ta' dan l-Att ghandhom jitqiesu bhala notifikat jew maghmul lill-persuna li huwa jkun rapprezentant taghha.*

*(d) Li persuna tkun jew tinhatar rapprezentant ta' persuna ohra ma jehlisx lit-tieni persuna minn kull obbligu jew responsabbiltà taht dan l-Att.*

*4) Rapprezentant li jkollu taht it-tmexxija jew kontroll tieghu xi flus jew proprjetà ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jkun rapprezentant taghha ma ghandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetà kemm-il darba ma jkunx haseb bizzejjed ghal kull taxxa dovuta taht dan l-Att.*

*(5) Rapprezentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna : izda meta ir-rapprezentant ikun agixxa in bona fede u ma jkunx qieghed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni ohra taht dan l-Att, ir-responsabbiltà tieghu taht dan is-subartikolu ghndha tkun limitata ghall-flus jew ghall-valur tal- proprjetà li huwa jkun qieghed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant taghha.*

Stabbilit li l-intimat kien inadempjenti skond l-Art.59(2) tal-Kap.406, u allura din il-Qorti tghid li l-intimat ma jistax jitqies li ghandu titolu ezekuttiv kontra r-rikorrent abbazi ta` dik id-disposizzjoni, din il-Qorti zzid tghid li fil-kaz tal-lum irrizulta favur ir-rikorrent li certament li sa minn snin qabel il-presentata tal-ittra ufficjali tal-14 ta` Jannar 2008 irrizulta li kien **effettivament** temm kull rabta mal-kumpannija in kwistjoni kemm bhala azzjonista u fuq kollox bhala direttur.

Waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza, sar gharbiel, xi drabi aktar milli kien mehtieg, tac-cirkostanzi li wasslu biex tintemm ir-rabta tar-rikorrent mal-kumpannija. Din il-Qorti tistqarr li baqghet perplessa, jekk mhux perturbata, kif persuni midhla, jew maghguna fin-negozju, bhar-rikorrent, iqisu kollox b`mod legger jekk mhux addirittura spregudikat imbaghad jitolbu konsiderazzjoni mill-Qorti **mhux** sabiex ikopru xi malinjita` da parti taghhom **izda semplicement ghaliex eccellaw fil-bluha** !

Din il-Qorti qieset kollox. U tghid li r-rikorrent ta wisq affidament lil Ramon Spiteri li bhala fatt irrizulta li sa **mill-bidu nett** wahdu kellu t-tmexxija u l-kontroll tal-kumpannija. Anke abbazi tal-provi akkwiziti, din il-Qorti tghid li materja hija s-*share transfer agreement* (li ma hi rilevanti xejn ghall-fini tal-kawza tal-lum) u materja ohra hija l-Form K.

Din il-Qorti hija ben konvinta mill-assjem ta` dak li ngieb a konjizzjoni taghha li r-rikorrent kien in *bon fides.* Ir-rikorrent ma kien messu qatt halla f`idejn haddiehor. Fl-istess waqt mhux rwol ta` din il-Qorti li tippenalizza l-ingenwita` meta ma tirrizultax l-infrazzjoni tal-ligi.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba` talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------